**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Id-19-il Laqgħa tas-seba’ leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **il-Ġimgħa 20 ta’ Ġunju 2014 fit-3pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Immaniġġjar tat-Traffiku fil-Qrendi**
4. **Aġġudikazzjoni ta‘ Sejħiet t’Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-19-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju 2014 fit-3 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tal-5:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniela Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tat-18-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Carmel Abela, Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 4/2014 – Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li Għandhom ir-Responsabilita' ta' Librerija Lokali.**

2.2 Inqrat Memo 15/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 15/2014 – Posta Elettronika tal-Membri tal-KL.**

2.3 Inqrat Memo 16/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 16/2014 – *Performance Management and Indicators.***

2.4 Inqrat Memo 17/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 17/2014 – *Streaming* tal-Laqgħat *Online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-Servizz tal-Internet.**

2.5 Inqrat Memo 18/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 18/2014 – Korrispondenza mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.**

2.6 Inqrat Memo 19/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 19/2014 – Skart Mormi Illegalment.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern

Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew – Mejju 2014 – Tqassim ta' Dokumenti għall-Votazzjoni.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew – Mejju 2014 – Irtirar ta' Dokumenti għall-Votazzjoni.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew – Trasport għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali s-Sibt 24 ta' Mejju 2014.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew – Votanti li ħa jsiefru fil-jum tal-votazzjoni.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew – Votazzjoni.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew – Projbizzjoni ta' użu ta' *mobile phones*, cameras jew apparat tal-fotografija fil-postijiet tal-votazzjoni.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***EU Statistical Obligations 2013.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ritratt Uffiċjali tal-President ta' Malta.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Hospice Malta – Open House 1st June 2014 – Local Council.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern

Lokali, bit-titlu **URĠENTI:** ***Launch of next LIFE call for projects provisionally set for June 2014.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Invit għal** ***InfoNitrates LIFE+ Closing Conference, Qawra Palace Hotel – Friday 6 June 2014.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Il-Kummissjoni Ewropea tniedi l-ħames kompetizzjoni għall-premju** ***"Access City."***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2014.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Invit –** ***Invite*** **– Festa Donaturi tad-Demm – Is-Sibt 14 ta' Ġunju 2014.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI:** ***Europe for Citizens – Network of Towns – Project Partner Search.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Skemi tal-PPP tat-Toroq.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Talba għall-Informazzjoni.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari 08/2014.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Employees in Local Government – Local Councils Employees and Regional Committees Employees – Retirement Age.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Lista ta' devoluzzjonijiet tal-libreriji lokali/reġjonali.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 17/2013:** ***Live Streaming.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Varar tal-Iskema ta' Finanzjament tal-Libreriji.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***FYI – PQ 9618.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***PQ 9766 – Kindly Treat as Important.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***FYA – PQ 9940.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***FYA – PQ 9941.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Project ESF 4.181 – "Improving Public Management and Governance at Local – Focus Groups."***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Seminar Dwar Vot 16 – 5 ta' Lulju 2014.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Antonella Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***EU Statistical Obligations 2013.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***MARS Deployment.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Leave Planning and Accumulation of Vacation Leave.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Update Local Council Staff Table Form Access Data***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Collection.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Alda Vella, mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Żjara ta' Kortesija.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charmaine Craus, *Communications Coordinator* fil-Ministeru għall-Infrastruttura, bit-titlu **Laqgħat dwar Tindif.**

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christianne Fenech, *Senior Manager* fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali, bit-titlu ***Invitation to Participate in the ESF 3.234 LEAP! Project.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Onorevoli Robert Cutajar, Kelliem għall-Oppożizzjoni Responsabbli miż-Żgħażagħ u Sport, bit-titlu **Stedina għall-Konferenza Nazzjonali tal-Isport.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Laqgħa tal-Valletta VAT.**

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu ***Practical Aspects of Public Procurement – A course by ANSEK.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace, *Vote 16 Monitoring Committee*, bit-titlu **Ambaxxatur Lokali.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 39/2014 – Kwestjonarju dwar l-Enerġija Nadifa.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL 40/2014 – Jum it-Tifkira tal-Abbuż fuq l-Anzjani.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 41/2014 – Prospectus tal-MCAST.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL 42/2014 – Jum it-Tifkira tal-Abbuż fuq l-Anzjani – Bidla fil-post fejn ser issir l-attivita'.**

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL 43/2014 – Konferenza *"Energy Efficiency Capacity Building"* fl-24 ta' Ġunju 2014.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 44/2014 – Laqgħa għall-Kunsillieri (li mhumiex Sindki) nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju 2014 – Programm.**

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **L-Opinjoni Tagħkom dwar il-Kunsilli Lokali.**

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ftuħ tal-Uffiċċji nhar is-Sibt.**

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Cilia Mumford, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, bit-titlu **Triq iċ-Ċimiterju Żurrieq/Qrendi.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***New LEADER Programme 2014-2020.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 – Qrendi LC.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Advert of the call – M413.A7 – Community Support for Children.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A7 – Application Form and Guidelines.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Agency*, bit-titlu ***Documentation re: Payment Claims.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Bilateral Meeting on Friday 13th June 2014 at Funds & Programmes Division,* Triq il-Kukkanja, Sta. Venera.**

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Measure 125 – Qrendi LC.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia, *EU Funds Manager* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Query on Declaration of Tenders Procured - Measure 313.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Aquilina, *Senior Executive – Tourism Zone Management (South)*, bit-titlu ***Break Time 2014.***

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Vincent Cassar mill-MCCAA, bit-titlu ***Playgrounds Report.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jesmond Micallef mill-MITA, bit-titlu ***Student Placement Programme 2014: Government Entities Invitation to Participate.***

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Dolores Busuttil minn Transport Malta, bit-titlu **Talba għal Parkeġġ Riservat.**

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul minn Transport Malta, bit-titlu **Xogħolijiet fit-Toroq Relatati ma' Stallazzjoni ta' *Earth Electrodes.***

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***Procession of the Corpus in Żurrieq, Safi, Mqabba, Kirkop, Qrendi.***

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***Draft Police Notice i/c/w the feast of Our Lady of Lourdes in Qrendi.***

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadia Tagliaferro, *Data Analyst* ta' GreenPAK, bit-titlu ***1st Quarter Report 2014.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Muscat, Membru u Segretarju tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, bit-titlu **Tibdil ta' Isem ta' Triq.**

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Borg mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, bit-titlu ***Meeting with Drugs Squad.***

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Olaf McKay, *Senior Business Sales Executive* ta' Melita, bit-titlu ***Live Streaming of Local Council Meetings.***

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Svetlana Buttigieg, *Service Area Leader* ma' Appoġġ, bit-titlu ***Reaching Out to Vulnerable People.***

2.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Claude Galea mill-ETC, bit-titlu ***Free Professional Courses.***

2.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joanna Farrugia mill-ETC, bit-titlu ***CWS New Participants.***

2.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jessica Schembri mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', bit-titlu **Appell lill-Kunsilli Lokali dwar it-tiżjin tal-Armar fil-Festi.**

2.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Emren John Vella bit-titlu **Qrendi.**

2.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claire Briffa mill-Enemalta, bit-titlu **(PSL) Talba għall-Bozza – Triq Ħaġar Qim – Qrendi.**

2.80 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claire Briffa mill-Enemalta, bit-titlu **(PSL) Talba għall-Bozza – Triq il-Panorama – Qrendi.**

2.81 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kevin Gauci, *Emergency First Response*, bit-titlu **Servizz ta' Ambulanza matul il-Festa tal-Madonna ta' Lourdes, Il-Qrendi.**

2.82 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pierre Ellul minn Falkun Films, bit-titlu ***Filming of Travel TV Programme.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.83 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Schembri, *Operations Director* ta' Mquip Co. Ltd., bit-titlu **Totem.**

2.84 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, dwar Lejla Maltija u użu tat-toqob tal-armar tal-festa.

2.85 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Nicholas Azzopardi, Segretarju tal-Konfraternita' tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes, dwar stediniet għall-funzjonijiet reliġjużi matul il-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

2.85.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Konfraternita' tixtieq illi tlaqqa' lill-Fratellanzi barranin mal-Kunsill Lokali bħalma sar is-sena li għaddiet.

2.85.2 Qal li tkun xi ħaġa sabiħa jekk il-Kunsill Lokali jerġa' jorganizza riċeviment żgħir għal wara l-quddiesa tal-paneġierku solenni.

2.85.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

2.86 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud, Kaxxiera tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes, bit-titlu **Xogħol minn fejn jinħarqu l-murtali.**

2.87 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Henry Jones, Amministratur tal-*Qrendi Football Club Youth Nursery* dwar *sleeping policemen* u mirja fi Triq il-Kurat Mizzi, Il-Qrendi.

2.87.1 Is-Sindku qal li jidher li hemm żewġ kumitati fil-*Qrendi Football Club*, kumitat għat-tim tal-kbir kif ukoll kumitat ieħor għan-*Nursery*.

2.87.2 Qal li madwar sitt xhur ilu, n-*Nursery* ibbenefikat mis-somma ta' €500 li ngħatat lill-Kunsill Lokali mingħand ir-Reġjun tan-Nofsinhar.

2.87.3 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li l-aħjar ħaġa tkun li l-Kunsill Lokali jkellem lil Transport Malta speċjalment minħabba t-talba għall-i*sleeping policemen.*

2.87.4 Dwar it-talba għall-mirja, l-Kunsill Lokali qabel unanimament li dawn għandhom isiru.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.88 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Johann Azzopardi bit-titlu **Talba Linji Sofor.**

2.89 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Michael Cassar bit-titlu **Sinjali tat-Traffiku.**

2.90 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Wee Lestwood bit-titlu ***Illegally parked vehicle.***

2.91 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Sant bit-titlu ***Environment.***

2.92 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Joseph Camilleri dwar villeġatura f'Wied iż-Żurrieq.

2.92.1 Is-Sindku qal lit-triq imsemmija fl-ittra tas-Sur Camilleri hija diġa' propjeta' privata u għaldaqstant il-permess irid jinħareġ mingħand sid iż-żona u mhux mingħand il-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

## 3. <u>IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FIL-QRENDI</u>

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' ma' rappreżentant tal-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali sabiex naraw kif nistgħu nimmaniġġjaw aħjar it-traffiku fil-lokalita ' tagħna.

3.2 **Triq iż-Żurrieq k/ma' Triq il-Biżantini u Triq Manwel Sciberras**

3.2.1 Is-Sindku qal li l-proposta hi li ssir *mountable roundabout* quddiem iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u dan sabiex titnaqqas il-veloċita' tal-karozzi li jitilgħu u jinżlu minn din it-triq.

3.2.2 Żied li l-proposta hi li jiżdied il-parkeġġ fi Triq Manwel Sciberras, faċċata tal-entratura taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.2.3 Spjega kif fil-viċin, fil-kantuniera ta' Triq il-Biżantini hemm restorant li qiegħed joħroġ l-imwejjed barra mingħajr permess u jekk kemm-il darba ssir il-*mountable roundabout* ma jkunux jistgħu jibqagħu jinħarġu dawn l-imwejjed minħabba li se jiġu prattikament f'nofs it-triq.

3.2.4 Is-Sindku qal li bħala pjan sħiħ hemm bżonn naraw ukoll Triq il-Kartaġiniżi, liema triq hija proposta li ssir *one way* u għaldaqstant hemm il-proponiment li kemm Triq il-Karatġiniżi kif ukoll Triq Manwel Sciberras isiru *one way*.

3.2.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li bħala proposti jidhru tajbin, biss dwar il-*one ways* se tkunu qiegħda tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq sabiex jiġu infurmati bl-iżviluppi li se jseħħu.

## 3.3 Triq it-Tempesta

3.3.1 Is-Sindku qal li l-proposti li għandu l-Kunsill Lokali quddiemu huma dwar Triq it-Tempesta k/ma' Triq Antonio Chircop u k/ma' Triq il-Feniċi.

3.3.2 Qal li s-service way li hemm quddiem Triq il-Feniċi u Triq il-Kartaġiniżi tiġi *one way* jiġifieri l-karozzi jkunu jistgħu biss joħorġu fi Triq it-Tempesta.

3.3.3 Min-naħa l-oħra spjega li hemm il-proposta li tinqala' parti żgħira mis-*central strip* ta' din is-*service road* u dan sabiex il-karozzi jkunu jistgħu jidħlu minnha. Qal li din il-fetħa ssir faċċata ta' Triq il-Feniċi.

3.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 3.4 Triq it-Torri

3.4.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu żewġ proposti quddiemu: jew li Triq it-Torri ssir *one way* inkella li jsiru sinjali sofor f'din it-triq, fil-fetħa kantuniera ma' Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro bil-possiblita' li jitnaqqsu xi parkeġġi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.4.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li fl-opinjoni tiegħu jkun aħjar jekk isiru s-sinjali sofor u dan minħabba li jekk it-triq issir *one way* ir-residenti se jkollhom jieħdu dawra kbira sabiex jidħlu mhux biss fi Triq it-Torri imma wkoll fi Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro, Triq it-Tabib Gregorio Mifsud u Triq Dun Nerik Mahoney.

3.4.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li qabel tittieħed xi tip ta' deċiżjoni, se nkunu qegħdin nitkellmu mar-residenti sabiex naraw huma x'jippreferu li jsir.

3.4.4 Għaldaqstant se tkun qiegħda tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq sabiex naraw x'jippreferu mbagħad tittieħed id-deċiżjoni.

## 4. AĠĠUDIKAZZJONI TA' SEJĦIET T'OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi ħareġ sejħa għall-offerti għal żewġ kuntratti differenti. Dawn kienu:

4.1.1 • QLC EP 49/14. Offerti għal tindif ta' materjal minn żoni varji madwar il-Qrendi.

4.1.2 • QLC RNU 49/14. Offerti għal tindif ta' toroq mhux urbani.

4.2 Dwar, **QLC EP 49/14. Offerti għal tindif ta' materjal minn żoni varji madwar il-Qrendi**, is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali rċieva biss offerta waħda.

4.2.1 Din l-offerta hija mingħand Elle's Urban Services Limited u tammonta għas-somma ta' €14,800.

4.2.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandha tiġi aċċettata din l-offerta.

4.3 Dwar, **QLC RNU 49/14. Offerti għal tindif ta' toroq mhux urbani,** is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali rċieva erba' (4) offerti.

4.3.1 Dawn l-offerti kienu miftuħa kif ġej:

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. Mr Ronald Bezzina - €7,500
2. Waste Collection Ltd. - €7,890
3. Mr Bryden Azzopardi - €4,580
4. Mr Wayne Farrugia - €7,800

4.3.2 Is-Sindku qal li rridu noqgħodu attenti mill-irħas offerta, dik tas-Sur Bryden Azzopardi minħabba li fl-aħħar sena kellna offerta simili u ndunajna li l-kuntratt kien qiegħed juża' l-bexx illegalment u għaldaqstant kellu jiġi mwaqqaf.

4.3.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li bil-prezz ta' €4,580 ikun pjuttost impossibli li jinħadem dan il-kuntratt u għaldaqstant iddeċieda li sal-laqgħa li jmiss ħa nkellmu lis-Sinjuri Ronald Bezzina u Wayne Farrugia sabiex naraw x'qegħdin joffru.

4.3.4 Min-naħa l-oħra, irridu niċċekkjaw ukoll mal-Kunsilli Lokali l-oħra dwar jekk inħarġux xi *default notices* f'isem il-kuntratturi u persuni li tefgħaw l-offerta tagħhom.

4.3.5 Għaldaqstant kien deċiż lid-deċiżjoni uffiċjali dwar dan it-tender se tittieħed fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss.

## 5. **<u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>**

5.1 Is-Sindku David Schembri beda billi tkellem dwar il-kameras tas-sigurta' li huma maħsuba li jsiru f'żoni differenti madwar ir-raħal tal-Qrendi.

5.1.1 Qal li fuq dan l-aspett qegħdin nitkellmu mar-Reġjun tan-Nofsinhar sabiex ningħataw għajnuna finanzjarja f'dan ir-rigward.

5.2 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li qiegħed isir tentattiv sabiex bejn il-'ponta' u l-'ponot' jingħata wiċċ ġdid permezz tal-kisi sabiex jitwitta'

l-blat li llum huwa ppuntat ħafna u perikoluż.

5.2.1 Żied li dal-blat wasal fi stat li kważi huwa impossibli li timxi fuqu.

5.3 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 313 u qal li l-ktieb dwar il-lokalita' qiegħed jinkiteb mill-ġdid, din id-darba mill-Professur George Cassar.

5.3.1 Qal li dan il-ktieb mhuwiex isir sabiex isir xi qliegħ minnu imma se jsir sabiex raħalna jkollu ktieb dettaljat dwar dak kollu li wieħed isib fil-lokal.

5.3.2 Tkellem ukoll dwar DVD li jrid isir marbut ma' Miżura 313 u qal li diġa' tkellimna ma' Outlook (ex-Horizons) sabiex jgħinuna f'dan ir-rigward.

5.3.3 Spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv diġa' tkellem mas-Sur David Bezzina u dan ikkonferma li l-prezz sabiex jinħadem dan id-DVD se jkun ta' madwar €1,000.

5.3.4 Għaldaqstant is-Sindku ppropna li jekk kemm-il darba l-ammont ma jaqbiżx dak stipulat bil-liġi sabiex tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet, il-Kunsill Lokali għandu jmexxi minħabba li ninsabu marbutin biż-żmien, fejn suppost sal-aħħar ta' Lulju għandhom jaslu l-*invoices* kollha għand il-*Paying Agency*.

5.3.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jekk kemm-il darba l-ammont tad-DVD ma jaqbiżx l-€1,165 kif stipulat bil-liġi, l-Kunsill għandu jagħti *direct order* lil din il-kumpanija sabiex tmexxi fuq dan id-DVD.

5.4 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr li qiegħed isir mir-*Restoration Unit* fi ħdan l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

5.4.1 Qal li fil-preżent qiegħed isir ir-restawr tal-istatwa ta' San Mattew li tinsab f'Misraħ San Mattew.

5.4.2 Żied li wara din l-istatwa se jsiru l-istatwi ta' Sant'Anna, Santa Marija, Santu Rokku u Tal-Ħniena, skont l-ordni kif inhuma mniżżlin hawnhekk.

5.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-bankijiet li saru f'Misraħ il-Maqluba u qal li fadal isir biss bank żgħir u l-proġett ikun lest pjuttost minn kollox.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.5.1 Is-Sindku tkellem dwar problema li nqalgħet f'Wied iż-Żurrieq fl-aħħar ġimgħat.

5.5.2 Qal li jidher li wieħed mis-sidien tar-restoranti li hemm f'Wied iż-Żurrieq qiegħed jitfa' ilma maħmuġ fis-sistema tal-ġbir tal-ilma tax-xita tal-Gvern u dan qiegħed jispiċċa joħroġ fuq il-blat.

5.5.3 Spjega kif dan mhux biss huwa inaċċettabbli, imma qiegħed iħammeġ l-ambjent kif ukoll jimmina t-turiżmu f'din iż-żona.

5.5.4 Qal li l-Kunsill Lokali qiegħed iżomm f'kuntatt mal-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq sabiex din is-sitwazzjoni tiġi riżolta mill-aktar fis possibli.

5.6 Is-Sindku tkellem dwar diversi talbiet li waslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex jinqalgħu s-siġar tal-ficus li jinsabu fi Triq Massabielle.

5.6.1 Qal li hija realta' lit-triq qiegħda togħla bil-mod il-mod minħabba z-zkuk u l-għeruq ta' dawn is-siġar kif ukoll hemm residenti li qegħdin jilmentaw li l-għeruq diġa' bdew deħlin fil-*basements* tar-residenzi tagħhom.

5.6.2 Qal li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed ikellem lill-MEPA dwar dawn is-siġar, l-ewwelnett sabiex inġibu l-permess sabiex jinqalgħu u t-tieni minħabba li dawn is-siġar ma jinsabux fit-triq u għaldaqstant il-Kunsill Lokali waħdu ma jkollux jedd li jaqbad u jaqlagħhom.

5.6.3 Is-Sindku semma' wkoll il-palm li hemm fi Triq San Ġwakkin k/ma' Triq it-Tempesta u qal li dan qiegħed imut bil-mod il-mod. L-istess qiegħed jiġri lis-siġar tal-*yucca* li qegħdin jagħmlu ħsara lill-ħajt tas-sejjieħ.

5.6.4 Qal li anke fuq dan il-każ se nitkellmu mal-MEPA sabiex naraw kif se nmexxu.

5.7 Is-Sindku tkellem dwar ittri mibgħuta mill-Kunsill Lokali lill-banek Banif u APS.

5.7.1 Qal li dawn il-banek jitrattaw l-installazzjoni ta' ATM fil-lokalita' tagħna

wara li t-tentattivi li saru mal-banek BOV u HSBC spiċċaw fix-xejn.

5.8 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta’ tisbieħ li qiegħed isir fiż-żona ta’ Triq Antonio Chircop.

5.8.1 Qal li dan il-proġett se jkun lest matul il-ġimgħa d-dieħla minħabba li fadal xi affarijiet żgħar x’isiru.

5.9 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett LEAP!

5.9.1 Qal li għal dan il-proġett il-Kunsill Lokali joffri impieg lil persuni b’diżabilita’, oħrajn li waqfu mill-iskola kmieni, ġenituri waħedhom, eks-drogati jew eks-ħabsin, eċċ...

5.9.2 Spjega kif s’issa l-Kunsill Lokali kellem lil individwu mill-Qrendi sabiex naraw jekk huwiex interessat u għandu jagħtina risposta fil-jiem li ġejjin.

5.9.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna napplikaw għal din l-iskema.

5.10 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li hemm bżonn li jsir ftit *patching* fi Triq Misraħ is-Sinjura.

5.11 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar sinjali sofor fi Sqaq Nru.3, Triq il-Bali Guarena.

5.11.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li sal-lum il-ġurnata għadu ma jistax jifhem għaliex ir-residenta qiegħda titlob għal dawn is-sinjali sofor, speċjalment għax l-ebda dritt tar-residenta mhu qiegħed jiġi miksur. Jekk se naċċettaw li jsiru dawn is-sinjali dan jista’ jwassal li kulħadd jibda jitlob għas-sinjali sofor quddiem il-bibien ta’ barra.

5.11.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali qabel unanimament lit-talba għal dawn is-sinjali sofor m’għandhiex tiġi milqugħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. **FINANZI**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €24,370.92c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/14 u €58.21c skont il-*Petty Cash* Ref R/05.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 7. **AĠĠORNAMENT**

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**